MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 2214/2000/1

**Joseph Demanuele, Emanuela Scicluna, Joseph Felice, Anthony, Grace Farrugia, Luigia Pulis, Paola Abela ilkoll ahwa Demanuele u Salvu Farrugia bhala prokuratur generali tal-assenti Francis Demanuele awtorizzat permezz ta' prokura esibita mac-citazzjoni 909/93 ceduta fil-15 ta' Frar 1994 quddiem il-Qorti**

**Vs**

**Saviour Bonnici**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess li l-atturi huma ko-propjetarju ta' art fi Triq Wisa, Wied il-

Ghajn u li go l-istess art hemm beach post okkupata minghajr titolu mill-konvenut;

Premess illi l-konvenut qed jirrifjuta li jizgombra mill-istess beach post;

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tikkundanna lil konvenut jizgombra mill-beach post illi tinsab fi Triq il-Wisa, Wied il-Ghajn u jhalliha libera u battala favur l-atturi fiz-zmien li tiffissa l-istess Qorti,

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet** tal-konvenut a fol. 10 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi l-atturi jridu jippruvaw it-titolu taghhom;

2. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt; u l-konvenut mhuwiex wahdu il-legittimu kontraditur u l-gudizzju mhuwiex integru.

3. Illi t-talba kif inhi formulata ma tistax tigi milqugha peres li l-post in kwistjoni mhuwiex identifikabbli la mill-premessi u l-anqas mit-talbiet.

4. Illi sa mill-1950 f'idejn il-familja tal-konvenut kien hemm beach post li pero zgur mhijiex dik li qeghdin isemmu l-atturi u ma tappartjenix lill-atturi.

5. Illi f'kull kaz id-dritt ta' azzjoni tal-atturi issa huwa preskritt bil-preskrizzjoni ta' tletin sena Art 2143 tal-Kodici Civili.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DRITT**

Hu risaput fid-dottrina illi azzjoni ta' din ix-xorta tirrikjedi da parti tal-proponent taghha l-prova dijabolika fis-sens illi l-attur irid jipprova lil hinn minn kull dubbju illi huwa kien il-proprjetarju ta' l-immobbli li kien qieghed jirrivendika. Minn naha tieghu l-konvenut ma kien jehtiglu javanza l-ebda difiza u ma kien jehtiglu jipprova l-ebda titolu fuq l-art fil-pussess tieghu sakemm l-attur ma jkunx ipprova li hu kien il-proprjetarju. Il-gurisprudenza in materja hi ormai kostanti. Jinghataw xi ezempji:-

"Min jitlob ir-rivendikazzjoni ta' immobli ghandu d-dmir li qabel xejn iehor jipprova l-proprjeta' tieghu. L-imharrek f'din l-azzjoni ma ghandux ghal fejn jiftah halqu sakemm issir dik il-prova; u jekk dika l-prova ma ssirx, l-imharrek ghandu jirbah il-kawza" (Vol. XXIX.ii.488).

"F'din l-azzjoni l-attur irid jipprova d-dominju ossija l-proprjeta' fih, tal-haga li jrid jirrivendika. Mhux bizzejjed li hu talvolta jipprova li dik il-haga mhix tal-konvenut; imma jehtieg li juri pozittivament li hi tieghu nnifsu, ghax 'melior conditio possidentis'. U gie dejjem ritenut mill-qrati taghna fuq l-istregwa ta' principji ammessi universalment mid-dottrina u mill-gurisprudenza, bazati fuq ligijiet bhal taghna illi dik il-prova li hi ezatta mir-rivendikant hemm bzonn li tkun kompleta u konkluziva, b'mod li kwalunkwe dubju, anki l-icken, ghandu jmur favur il-possessur konvenut. U anki jekk il-Qorti ma tkunx affattu sodisfatta mid-dritt tal-konvenut, hi ghandha tilliberah jekk ir-rivendikant ma jaghtix prova tad-dominju tieghu li tkun ezenti mill-anqas dubju" (Vol. XLI.i.569).

"Il-prova li hi ezatta mir-rivendikant hemm bzonn li tkun kompleta u konklussiva b'mod illi kwalunkwe dubbju jmur favur il-possessur konvenut" (Vol. XLVII.i.75).

"L-estremi ta' l-azzjoni rivendikatorja huma: 1. Li l-attur rivendikant jipprova li ghandu d-dominju fuq il-haga li huwa jrid jirrivendika, u li kien akkwista dak id-dominju legittimament; 2. Li l-konvenut ikun jippossjedi l-haga. Dwar l-ewwel rekwizit il-prova trid tkun pjena u konvincenti; u din il-prova ma tigix raggunta jekk ir-rivendikant ma jurix titolu car u preciz tad-dominju tieghu.

Jekk ir-rivendikant ma jaghmilx din il-prova, il-konvenut ma ghandu bzonn jipprova xejn, ghax sakemm ir-rivendikant ma jaghmilx dik il-prova, il-possessur tal-haga ma ghandux bzonn jiccaqlaq u kwindi lanqas huwa tenut isostni eccezzjonijiet li jkun ta kontra d-domanda tar-rivendikant" (Vol.XXXV.ii.518).

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Fil-kaz in ezami l-konvenut qed isostni li hu ilu jipposjedi dina l-beach post ghal aktar minn 30 sena. Jirrizulta pero' mill-provi prodotti mill-konvenut stess li l-aventi kawza tieghu kienu hadu l-post minghand il-Gvern wara l-gwerra. Inoltre jirrizulta wkoll li n-nannu, Felic Celeste, kien ihallas xi qbiela. Fil-1987 imbaghad il-beach post kienet ghamlet xi xaghrejn jew tlieta fil-pussess ta' certu Louis Grech (ara fol 31) u kien wara dana l-perjodu li l-beach post regghet ittiehdet lura minghand Louis Grech. Il-konvenut ghalhekk l-aktar li jista' jghid hu li kien jippossjedi l-beach post ininterrottament wara in 1987 u dana mhux animo domini.

F'dana l-kaz pero' huwa l-attur li jrid jipprova li l-beach post hija tieghu. L-attur esebixxa dok A a fol. 4 sa 6 kuntratt li bih missier l-atturi, cjoe Carmelo Demanule kien xtara bicca art fi Triq il-Wisa, Wied il-Ghajn fil-1946 fejn suppost li f'dina l-ghalqa hemm dina l-beach post.

Il-konvenut qed jeccepixxi li f'dana d-dokument il-beach post mhiex identifikata bhala formanti parti minnha.

Martin Bajjada, Principal Technical Offier fl-Estate Management Department, tal-Gvern, xehed li l-art fejn hemm il-beach post in kwistjoni hija tal-Gvern u kienet parti mill fortifikazzjoni. Meta l-Gvern kien ser jesproprja l-art hemmhekk biex jaghmel triq, dina l-parti thalliet barra milli tigi akkwistata billi kienet diga tal-Gvern.

Il-konvenut inoltre johloq ukoll dubbju kemm l-atturi ghandhom d-dominju ta' dina l-art u beach post meta esebixxa l-kuntratt ta' bejgh datat 25 ta' Lulju,1968 Dok a fol. 63 li bih Carmelo Demanule (li ghandu l-istess

konnotati bhal Carmelo Demanuele fil-kuntratt a fol 4) kien biegh l-art f'Triq il-Wisa Wied il-Ghajn, lill certu Victor Camilleri, li bl-istess kuntratt ikkonceda lill Demanuele li jkompli jahdem l-art. Ghalhekk l-atturi ma jidhrux li huma kopropretarji ta' dina l-art, mentri c-citazzjoni hija bazata fuq dina l-premessa.

Konsegwentement il-Qorti tiddecidi li l-atturi ma gabux prova kompleta u konklussiva, li huma l-propretarji ta' dana l-immobbli li qed jigi rivendikat, minghand il-konvenut possessur.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tichad it-talba attrici
bl-ispejjez kontra taghhom.

--------------------------------TMIEM--------------------------------